MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2003

Numru. 577/2003

Il-Pulizija
(Spettur Dennis Theuma)
vs
Joseph Farrugia

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Joseph Farrugia, detentur tal-karta tal-idenita bin-numru 577984(M), li permezz tieghu huwa gie akkuzat talli fil-lejl ta’ bejn il-hdax u it-tnax ta’ Lulju 2003 go Hal-Balzan :

1. ingurja, hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ l-Ispettur tal-Pulizija Kevin Joseph Farrugia, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz bi ksur tal-Artikolu 95 (1) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

2. attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna tal-istess Spettur tal-Pulizija Kevin Joseph Farrugia, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qieghed jagixxi ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn Awtorita kompetenti, u dan bi ksur tal-Artikolu 96(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. ma obdiex ordni legittima ta' l-awtorita jew ta' wiehed inkarigat minn servizz pubbliku specifikatament ta' l-Ispettur Kevin Joseph Farrugia, jew ma halliehx jew fixklu waqt il-qadi ta' dmirijietu jew b'xi mod iehor bla jedd indahal fi dmiru billi ma halliehx jaghmel dak li bil-ligi, jkun ordnat jew jista jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi jew b'xi mod iehor ikun li jkun bi ksur tal-Artikolu 338 (ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Qal fil-pubbliku kliem indicenti u oxxen, liema kliem kien jikkonsisti f'dagha u dan bi ksur tal-artikoli 338 (bb) u 342 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Hebb kontra l-persuna ta' Kevin Joseph Farrugia sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmillu hsara u dan bi ksur tal-artikolu 339 (d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. imbotta lill-imsemmi sabiex iwegghu jew jinsulentah u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. volontarjament hassar jew ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli specifikatament l-uniformi ta' l-Ispettur tal-Pulizija Kevin Joseph Farrugia, liema hsara ma tiskorrix l-ghaxar liri Maltin (LM10) bi ksur tal-Artikolu 325(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba tittratta ma l-imputat Joseph Farrugia ID 577984(M) biex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta' Kevin Joseph Farrugia u sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-istess Qorti;

Semghet lill-imputat iwiegeb li hu hati u dan anke wara illi l-Qorti wissietu bil-konsegwenzi ta' din l-ammissjoni u tatu zmien xieraq sabiex jikkonsidra l-posizzjoni tieghu u ghalhekk, fuq ammissjoni, il-Qorti issibu hati ta' l-imputazzjonijiet kollha u dan wara illi l-Qorti rat l-Artikoli 95, 96, 338(ee), 338(dd), 338(bb), 342, 339(1)(d), u 325(b) tal-Kap. 9, kif ukoll l-Artikoli 392A u 401(3) tal-Kap. 9;

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-imputat ikkopera mal-pulizija, ghandu fedina penali netta, irregistra ammissjoni sabiex b'hekk evita illi issir il-kumpilazzjoni u obbliga ruhu illi jaghmel tajjeb ghall-hsarat kagunati minnu fl-uniformi tal-Ispettur Kevin Farrugia. Ghalhekk ma tqisx piena karcerarja bhala idonea ghall-akkadut u wara li rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin millum.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 u torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' multa ta' LM100 ghal 12 il-xahar millum, milli b'xi mod jimmolesta aktar lill-Ispettur Kevin Farrugia.

Il-Qorti tordna illi l-atti flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali kif provdut fil-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------